

Brussell, 27 ta' April 2026
(OR. en)

8596/26

DELECT 79
DENLEG 35
FOOD 48
VETER 60

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPRez, Direttur
data meta waslet:	27 ta' April 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 2633 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'27.4.2026 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/630 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-attestazzjoni privata tal-prodotti komposti eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera, u l-inklużjoni ta' ċerti prodotti taċ-ċereali, ħxejjex ippreparati jew ippreservati, frott, ġewż, zlazi, kondimenti, taħwir u ħlewwiet fil-lista ta' prodotti komposti eżentati

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 2633 final.

Mehmuż: C(2026) 2633 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.4.2026
C(2026) 2633 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'27.4.2026

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/630 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-attestazzjoni privata tal-prodotti komposti eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera, u l-inklużjoni ta' ċerti prodotti taċ-ċereali, ħxejjex ippreparati jew ippreservati, frott, ġewż, zlazi, kondimenti, taħwir u hlewriet fil-lista ta' prodotti komposti eżentati

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2017/625¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Kontrolli Uffiċjali (OCR) jistabbilixxi l-qafas għall-kontrolli uffiċjali u għal attivitajiet uffiċjali oħra biex tiġi vverifikata l-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-katina agroalimentari. Dan jinkludi l-kontrolli uffiċjali li jitwettqu fuq l-annimali u fuq l-oġġetti li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi.

L-Artikolu 48, il-punt (h), tal-OCR jipprevedi li ċerti kategoriji ta' annimali u ta' oġġetti msemmija fl-Artikolu 47(1) tal-OCR li ġejjin minn pajjiżi terzi jistgħu jiġu eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera.

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292² jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-kunsinni ta' prodotti komposti, inklużi dispożizzjonijiet għall-attestazzjonijiet privati. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/637³ li jemenda r-Regolament (UE) 2022/2292 stabbilixxa deroga mill-attestazzjoni privata għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti komposti li ma fihom l-ebda prodott ipproċessat ta' oriġini mill-annimali għajr il-kapsuli tal-ġelatina mhux derivati mill-għadam tar-ruminanti. Għalhekk, huwa meħtieġ li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2021/630⁴ dwar l-attestazzjoni privata jiġu allinjati mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22 fir-Regolament (UE) 2022/2292.

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/630 jeżenta ċerti prodotti komposti mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera. L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jestendi l-lista ta' dawn il-prodotti komposti bi skadenza twila u b'riskju baxx li huma eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera li jidher fir-Regolament Delegat (UE) 2021/630 billi jinkludi prodotti miksuba miċ-ċereali, bħal popcorn, stiekek u puffs tal-qamħirrum, ħxejjex ippreparati jew ippreservati, frott, ġewż u partijiet oħra tal-pjanti li jittieklu u li fihom l-għasel bħala l-uniku ingredjent ta' oriġini mill-annimali, zlazi li fihom estratti tal-gajdra jew tal-ħut, zlazi u preparati tagħhom, kondimenti u taħwir li fihom l-għasel bħala l-uniku ingredjent ta' oriġini mill-annimali, u ħelu, gomom u bħalhom li fihom aġenti sintetiċi ta' ħlewwa minflok zokkor. Jenħtieġ li dawn il-prodotti komposti jkunu kkontrollati mill-awtoritajiet kompetenti fil-post tad-destinazzjoni, fil-punt tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni, jew fl-imħażen jew fil-bini tal-operatur responsabbli mill-kunsinna.

¹ ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292 tas-6 ta' Settembru 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali li jipproduċu l-ikel u ċerti oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 304, 24.11.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/2292/2023-12-18).

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/637 tad-29 ta' Jannar 2025 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/2292 fir-rigward tar-rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti tal-ħalib, ċerti addittivi tal-ikel idderivati mill-annimali, budellati tal-kollaġen, laħam ikkapuljat, preparati tal-laħam, laħam separat mekkanikament u prodotti komposti li fihom kapsuli tal-ġelatina (ĠU L, 2025/637, 29.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/637/oj).

⁴ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/630 tas-16 ta' Frar 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' ċerti kategoriji ta' oġġetti eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera u li jemenda d-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2007/275/KE (ĠU L 132, 19.4.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2021/630/oj).

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni "kontrolli uffiċjali" (E00911) ġie kkonsultat diversi drabi.

Ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt. Dan ir-Regolament mhuwiex mistenni li jkollu xi impatt sinifikanti peress li jestendi l-lista tal-prodotti komposti li diġà huma eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Il-bażi legali hija l-Artikolu 48, il-punt (h), u l-Artikolu 77(1), il-punt (k), tar-Regolament (UE) 2017/625.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'27.4.2026

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/630 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-attestazzjoni privata tal-prodotti komposti eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera, u l-inklużjoni ta' ċerti prodotti taċ-ċereali, ħxejjex ippreparati jew ippreservati, frott, ġewż, zlazi, kondimenti, taħwir u hlewriet fil-lista ta' prodotti komposti eżentati

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 48, il-punt (h), u l-Artikolu 77(1), il-punt (k), tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/630² jistabbilixxi l-lista tal-prodotti komposti bi skadenza twila li huma eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera.
- (2) L-Artikolu 22 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292³ jistabbilixxi ċerti rekwiżiti fir-rigward tal-attestazzjoni privata li trid tiġi ppreżentata mill-operaturi tan-negozji tal-ikel għall-kunsinni ta' prodotti komposti bi skadenza twila li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom. Peress li l-Artikolu 1, il-punt (5), tar-

¹ ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/630 tas-16 ta' Frar 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' ċerti kategoriji ta' oġġetti eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera u li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/275/KE (ĠU L 132, 19.4.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2021/630/oj).

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292 tas-6 ta' Settembru 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali li jipproduċu l-ikel u ċerti oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 304, 24.11.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/2292/oj).

Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/637⁴ emenda l-Artikolu 22 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292 billi introduċa deroga mill-attestazzjoni privata għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti komposti li ma fihom l-ebda prodott ipproċessat ta' oriġini mill-annimali għajr il-kapsuli tal-ġelatina mhux derivati mill-għadam tar-ruminanti, huwa meħtieġ li jiġi emendat l-Artikolu 3(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2021/630 biex jiġi allinjat mal-Artikolu 22 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292.

(3) Peress li l-prodotti komposti bi skadenza twila taħt il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda 1904 10, 1904 20, 2001, 2004, 2005, 2008 19, 2008 99, 2103 u 2106 fil-forma ta' ċerti prodotti taċ-ċereali, bħal popcorn, stikek u puffs tal-qamħirrum, u ċipps u krisps tal-patata adattati għall-konsum immedjat, ħxejjex ippreparati jew ippreservati, frott, ġewż u partijiet oħra tal-pjanti li jittieklu u li fihom l-għasel bħala l-uniku ingredjent ta' oriġini mill-annimali, zlazi li fihom estratti tal-gajdra jew tal-ħut, zlazi u preparati għalihom, kondimenti u taħwir li fihom l-għasel bħala l-uniku ingredjent ta' oriġini mill-annimali, u ħelu, gomom u bħalhom li fihom aġenti sintetiċi ta' ħlewwa minflok zokkor joħolqu riskju baxx għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, jenħtieġ li dawn il-prodotti jiġu eżentati wkoll mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera.

(4) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2021/630 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat (UE) 2021/630 huwa emendat kif ġej:

1. fl-Artikolu 3, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
 - “2. Il-prodotti komposti bi skadenza twila msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-attestazzjoni privata stabbiliti fl-Artikolu 22 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292.”;
2. L-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁴ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/637 tad-29 ta' Jannar 2025 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/2292 fir-rigward tar-rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti tal-ħalib, ċerti addittivi tal-ikel idderivati mill-annimali, budellati tal-kollaġen, laħam ikkapuljat, preparati tal-laħam, laħam separat mekkanikament u prodotti komposti li fihom kapsuli tal-ġelatina (ĠU L, 2025/637, 29.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/637/oj).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 27.4.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN